# L-ISKEJJEL TAL-GVERN

## It-tagħlim f'Malta

( Minn Ġużè Gatt )

### DAĦLA

Fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Jannar ta' l-1936 hemm ir-Rapport li Dr. Laferla ġieb fuq id-Dipartiment tat-Tagħlim għas-sena 1934-35. F'dana r-Rapport, barra milli nsibu mxandar kif marru l-Iskejjel tal-Gvern ma' tul is-sena li semmejna, jagħti wkoll tagħrif kif daħal it-Tagħlim f'Malta. Dr. Laferla jgħid li Napuljun Bonaparti kien l-ewwel wieħed li ried iwaqqaf l-Iskejjel tal-Gvern f'dawn il-Gżejjer; qabel, ħadd ma ħabbel rasu biex igħallem it-tfal fqar. Iżda, dan li qal Dr. Laferla ma jaqbelx sewwa ma' li jgħidu Ġrajjietna. Barra minn dana l-għelt, fir-Rapport hemm ħwejjeġ oħra, li lanqas ma huma kif qalhom Dr. Laferla, bħalma bi ħsiebna nuru f'dina l-kitba.

Minn dak li ngħad f'dana r-Rapport, jidher li ftit hu magħruf min kienu dawk li ħadu ħsieb idaħħlu t-Tagħlim f'Malta, billi waqqfu Skejjel tal-Gvern għat-tfal fqar, biex dawn ikollhom fejn jitgħallmu. Aħna konna ilna żmien imħajjrin biex naqbdu dina l-biċċa tat-Tagħlim f'idejna u niktbu xi ħaġa fuqu; iżda, billi dejjem medhijin biex niġbru ħwejjeġ oħra, kull darba nħallu minn-jum għall-ieħor. Imma, jekk qabel konna bil-ħsieb li nidħlu għal dana x-xogħol, wara li qrajna r-rapport li semmejna, qtajna li nħallu ħwejjeġ oħra u nibdew it-tfittix tagħna, dwar l-Iskejjel tal-Gvern, bla dewmien ta' xejn.

F'dina l-kitba ma bi ħsiebniex nitħaddtu fuq l-Università jew il-Liċeo, għalkemm dawn ukoll huma Skejjel tal-Gvern. U dan sa nagħmluh għal li sa ngħidu. Fuq l-Università u l-Liċeo kitbu kemm il-wieħed. Għalhekk rajna, li ma jinħtieġx nerġgħu ntennu mill-ġdid dak li ħaddieħor qal qabilna fuqhom. Iżda l-ħsieb tagħna hu li nitkellmu dwar dawk l-Iskejjel l-oħra li twaqqfu għat-tfal fqar minn xi Gvernijiet li ħakmu fuq Malta, billi ftit jew xejn ma nkiteb fuqhom. Ma' dawn sa nsemmu wkoll oħrajn li, għalkemm twaqqfu minn xi nies, iżda, għaż-żamma tagħhom kienu megħjunin mill-Gvern. U dan sa nagħmluh, għax jidhrilna li, la darba l-Gvern kien joħroġ il-flus għalihom, wieħed jista' jgħoddhom ukoll bħala Skejjel tal-Gvern. Barra minn-hekk għamilna wkoll il-ħsieb li nitkellmu fuqhom, għax terġa xi wħud minnhom fl-aħħar waqgħu f'idejh għalkollox, biex minnhom tnisslu l-Iskejjel tal-Gvern li għandna l-lum.

## I.—IT-TAGĦLIM F'MALTA FI ŻMIEN L-ARAGUNIŻI

L-ewwel Skejjel f'Malta li fihom it-tagħlim kien isir b'xejn kienu l-Ospizji u l-Isptarijiet, taħt it-tmexxija ta' patrijet, bħalma kienu l-Benedittini f'San Pietru u S. Skolastika ta' l-Imdina u ta' Ġieżu fir-Rabat. U dan igħidu, fl-"Archivum Melitense", il-magħruf kittieb Mons Mifsud, li fuq ġrajjietna għamel tfittix kbir.

L-Ospizji u l-isptarijiet, flimkien mal-patrijiet tal-Kunventi li semmejna, kellhom x'jaqsmu ħafna ma' l-Università ta' l-Imdina. Din kienet tgħinhom fiż-żamma tagħhom, b'xi flus li toħroġ għalihom.

Bħalma kullħadd jaf, il-Gvern ta' Malta fi żmien l-Araguniżi, kien f'idejn il-Maltin. Biex irieġi l-Gżira kien hawn bħala Muniċipju, imsejjaħ Università. Dan il-Muniċipju twaqqaf f'Malta fl-1350. It-treġija tiegħu kienet taħt il-ħsieb tal-Maġisirat ta' l-Imdina: jiġifieri taħt il-Ħakem u l-Ġurati. U dawn, flimkien mal-Kunsill Popolari, kienu jmexxu l-ħwejjeġ ta' dawn il-Gżejjer, sew għal dik li hi ħajja, kemm ukoll għall-ħarsien tagħhom mill-egħdewwa.

Mela, wieħed jista' jqis, li l-Università ta' l-Imdina kienet hi l-bidu, ir-ruħ li tat il-ħajja lit-Tagħlim f'Malta.

Maż-żmien, dina l-Università waqqfet Skola fl-Imdina, il-belt ewlenija ta' Malta f'dik il-ħabta. Din kienet taħt il-ħsieb tagħha, iżda megħjuna wkoll mill-Kattidral. Għalhekk, il-ħlas tas-Surmast ta' dina l-Iskola kien isir kemm mill-Università u kemm mill-Kattidral. Ma dan kollu, il-Kattidral, sa l-1580, kien taħt il-ħsieb ukoll ta' l-Università. Din kienet hi li ddaħħal il-kera u ċ-ċnus tiegħu, u toħroġ kemm ikun jinħtieġ għaż-żamma u t-tmexxija tal-Kattidral.

Meta bdiet l-Iskola tal-Gvern Malti fl-Imdina, ma nistgħux ingħidu sewwa, għax ma sibniex. Iżda din x'aktarx li twaqqfet ħabta ta' meta l-Araguniżi riedu jdaħħlu t-Taljan f'Malta, biex fiha l-Maltin ikunu jistgħu jitgħallmu, fost ħwejjeġ oħra, dana l-Ilsien.

L-ilsien Taljan, jew aħjar l-Isqalli, daħal hawn fiż-żmien l-Araguniżi. Iżda f'liema sena saret dil-biċċa ma nafux. L-Araguniżi bdew isaltnu f'Malta għal-ħabta ta' l-1283. Qabel fi Gżiritna, kienu jiktbu bil-Għarbi u bil-Malti. Meta ġew in-Normanni, kif ukoll wara, il-Għarbi fil-kitba ma nqeridx. Barra minn hekk, in-Normanni ta' Sqallija kienu jistampaw il-flus bil-Għarbi wkoll. Iżda fi żmien l-Ispanjoli ħarġet liġi biex ħadd ma jista' jikteb aktar bil-Għarbi. U billi f'dak iż-żmien l-Araguniżi kienu jaħkmu fuq Malta wkoll, dik il-Liġi qerdet minn hawn il-kitba ta' l-Għarbi. Terġa, l-ilsien Malti, imħabba li

jixbaħ lill-Għarbi, weħel ma' dan ukoll, billi ma nkitibx iżjed mill-biċċa l-kbira tal-Maltin.

Id-daħla b'saħħa, jew b'Liġi, ta' l-ilsien Taljan fil-Ħakma tal-Gżira, fixkel ħafna lill-Maltin. Dawn mhux biss ma kienux jafu bit-Taljan, imma lanqas ma kienu jaqblu ma' l-Isqallin, la fil-Liġijiet, u lanqas fid-drawwiet.

Li l-Maltin kienu ġens għalihom, jixhdu r-Rapport ta' l-Abbati Gilibertu. Dan Gilibertu ġie f'Malta ħabta ta' l-1240 fi żmien l-Imperatur Federiku II ta' l-Isvevi (Ġermaniżi). Gilibertu, wara li żar il-Gżira u fela kollox, għarraf lill-Imperatur, li l-Maltin ma jaqblu xejn ma' l-Isqallin. Jixhdu wkoll li l Maltin ma kienux jafu bit-Taljan, il-biċċa ta' meta, fi żmien l-Araguniżi, kien jiġi darba f'sena l-Kummissarju tar-Re minn Sqallija, il-Maltin kienet tgemgem li ma tifhmux.

Billi l-ilsien Taljan ġie mdaħħal hawn b'saħħa, Malta mtliet b'ħafna barranin. Dawn ħatfu l-aqwa impjegi tal-Gżira taħt idejhom, ukoll dawk tal-Knisja. Wara ħafna żmien, taħbit u ġiri ta' Ambaxxaturi Maltin, ir Rejjiet ta' Aragona qagħdu biex l-impjegi jerġgħu jibdew jittieħdu minn misserijietna. Barra dan, il-Maltin qalgħu wkoll minn għand Karlu II, fil-15 ta' Settembru 1520, li ma jistgħux jitressqu aktar quddiem Imħallfin li ma jkunux jafu bil-Malti.

Bil-Liġi li kienet ħarġet, fil-Gvern ma kien jista' jsir xejn jekk mhux bit-Taljan, jew bil-Latin inkella bl-Ispanjol. Biex id-Deputati Maltin baqgħu jitkellmu bil-Malti fil-Kunsill Popolari, għax ma kienux jafu bit-Taljan, kellhom jitolbu lir-Re ta' Aragona ħalli jagħtihom is-setgħa li jagħmlu dan U r-Re kellu jagħtihom li talbu, la darba ma kienux jafu għajr bil-Malti.* Fuq hekk, it-taħdit fil-Kunsill Popolari baqa' dejjem isir bil-Malti, għalkemm wara, dak li jingħad fil-laqgħat, kien jitniżżel fil-kotba tal-Kunsill b'ilsien ieħor.

Il-Kunsill Popolari ta' żmien l-Araguniżi kien jieħu ħsieb ta' kollox għall-ħtieġa tal-Gżira. Ukoll l-Iskola ta' l-Imdina kienet f'idejh. Kull ma kienet tagħmel l-Università għażżamma u t-tmexxija ta' dina l-Iskola, qabel kien igħaddi mill-Kunsill Popolari. Fil-laqgħa li saret fis-17 ta' Novembru 1467, il-Kunsill qata' li l-ħlas tas-Surmast ta' l-Iskola ta' l-Imdina jibda jkun ta' 3 ewwieq fis-sena. U dan barra mill-ħlas l-ieħor li kienet tagħtih ukoll il-Kattidral talli jgħallem id-djakni tagħha.

*(Jissokta)*

* Dan qaluli snin ilu Mons. A. Mifsud.